MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 851/2003/1

**Avukat Dottor Victor E. Ragonesi**

**vs**

**H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Gunju, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avvizipprezentat mill-attur li fih talab li l-Bank konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) bl-interessi u l-ispejjez billi ppremetta illi huwa kien ircieva numru ta' *icons* minn rapprezentant

tal-Patrijarka tal-Federazzjoni Russa biex jigu esebiti f'Malta u li wara esebizzjoni kellhom jigu ritornati lill-Federazzjoni Russa.

Illi ghal din l-importazzjoni temporanja l-Awtoritajiet tad-Dwana talbu lill-attur biex jaghmel garanzija bankarja t'elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) liema garanzija bankarja l-esponenti ghamilha permezz tal-Bank intimat.

Illi l-Bank intimat talab lill-attur diversi drabi biex jestendi l-imsemmija garanzija li skadiet fil-31 t'Ottubru, 2001, liema rikjesti gew rifjutati minnu b'mod li l-garanzija ma baqghetx in vigore u valida wara l-31 t'Ottubru, 2001.

Illi l-Kontrollur tad-Dwana talab il-pagament ta' sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) fit-3 ta' Frar, 2003 u l-Bank intimat abuzivament u legalment u nonostante l-oppozizzjoni diversi ta' l-esponenti spicca biex ihallas is-somma ta' sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) lill-Kontrollur tad-Dwana wara li fit-3 ta' Frar, 2003 u ha l-istess somma komprizi diversi spejjez mill-kontijiet ta' l-istess rikorrenti li kellu depozitati mal-Bank meta l-garanzija ma kienetx izjed ezistenti.

Illi l-attur talab ir-rifuzjoni tas-somma ta' sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) flimkien ma' l-interessi li kellhom akkumulati mindu l-istess somma giet sotratta mid-depozitu ta' l-attur sa' l-effettiv pagament u ghall-ispejjez relattivi li gew lill-attur dedotti mid-depozitu tieghu ghar-ragunijiet fuq esposti u ghall-ispejjez tal-prezenti procedura.

Illi l-Bank konvenut irrisponda illi t-talba attrici ghandha tigi michuda u dan peress illi fil-15 t'Ottubru, 2001 il-Kontrollur tad-Dwana talab lill-Bank konvenut jestendi l-garanzija bankarja *de quo* qabel ma kienet tiskadi fil-31 t'Ottubru, 2001 u fin-nuqqas talab lill-Bank ihallas is-somma t'elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) taht l-istess garanzija.

Illi l-Bank avza lill-attur b'din it-talba b'ittra tat-2 ta' Novembru, 2001 fejn infurmah illi jekk ma kienx ser jaghti struzzjonijiet biex tigi estiza l-garanzija l-Bank kien

obbligat li jhallas billi kienet gja saret talba valida fuq il-Bank biex ihallas entro t-terminu tal-garanzija.

Illi sussegwentement il-Bank konvenut kien infurmat li qed isiru trattattivi bejn l-attur u l-Kontrollur tad-Dwana dwar din il-kwistjoni.

Illi fit-3 ta' Frar, 2003 il-Kontrollur tad-Dwana kkwantifika l-ammont dovut mill-Bank taht il-garanzija fis-somma ta' sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) u talab lill-Bank ihallas l-istess.

Illi ghalhekk il-Bank kien gustifikat ihallas in sodisfazzjon ta' l-obbligi kuntrattwali tieghu.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda tal-Prokuratur Legali Jonathan De Maria.

Ra l-Affidavit sussegwenti, d-dokumenti esebiti u sema' t-trattazzjoni tad-difensuri.

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur u tal-Bank konvenut.

Ikkunsidra

Illi gew importati Malta xi *icons* u billi dawn gew importati taht *temporary import licence*, l-attur ghamel tajjeb ghad-dazju/VAT relattiv permezz ta' garanzija Bankarja rilaxxjata mill-Bank konvenut.

Illi l-garanzija bankarja li l-Bank konvenut hareg favur il-Kontrollur tad-Dwana kienet ghas-somma t'elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) u inizjalment kienet valida sal-31 ta' Jannar, 2001. Il-garanzija kienet pagabbli *on demand* tal-Kontrollur. Skond dokumenti B2, C2, D2 u E3 jidher li din il-garanzija giet estiza sal-31 t'Ottubru, 2001.

Illi fil-15 t'Ottubru, 2001 il-Kontrollur tad-Dwana kiteb lill-Bank konvenut liema talba jirrizulta li waslet ghand il-Bank fit-18 t'Ottubru, 2001 li permezz taghha ddikjara hekk:

"I have to inform you that your guarantee number 33/00/76 for Lm2,500 issued on 2000 on behalf of Dr V E Ragonesi is about to expire.  I request you to forward to this office an extension of the said guarantee.

Unless guarantee is extended, please accept this letter as a formal claim for the amount mentioned."

Illi effettivament jidher li l-attur irrifjuta li jgedded din il-garanzija u in segwitu bdew isiru trattattivi bejn l-attur u l-Kontrollur tad-Dwana u milli jidher anke talab l-intervent l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin sabiex ma jsirx ezekuzzjoni ta' din il-garanzija izda jirrizulta wkoll illi fit-3 ta' Frar, 2003 il-Kontrollur tad-Dwana kiteb lill-Bank konvenut u kkwantifika t-talba tieghu ghall-ammont ta' sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690).  Il-Bank ipproceda biex hallas dan l-ammont permezz ta' cheque mahrug fl-14 ta' Frar, 2003 (Dok. N u Dok. O) nonostante l-oppozizzjoni ta' l-attur.

Biex hareg dan ic-cheque gie debitat il-kont ta' l-attur kif jirrizulta mid-Dokument P.

Il-kwistjoni li tqajmet f'din il-kawza hija jekk, fil-mument li l-Bank konvenut hallas lill-Kontrollur tad-Dwana, kienx obbligat li jaghmel hekk.  Jekk il-Bank kien obbligat taht id-dispozizzjonijiet ta' l-imsemmija garanzija bankarja allura jsegwi li l-Bank kien gustifikat meta ghamel tali hlas u daqstant iehor kien gustifikat li jiddebita l-kont ta' l-attur.

Alternattivament, jekk il-Bank ma kienx legalment obbligat li jaghmel it-tali pagament il-konsegwenza tkun li ma kellux id-dritt li jezigi rifuzjoni minghand l-attur partikolarment billi huwa anke rregistra oppozizzjoni.

Illi n-*nodus* jigi rizolt mill-ittra tal-Kontrollur tad-Dwana tal-15 t'Ottubru, 2001 li ntbaghatet fil-mument meta l-garanzija bankarja kienet ghadha veljanti.  Dak il-mument il-Kontrollur tad-Dwana formalment talab il-hlas ta' l-ammont tal-garanzija.  Dak il-mument il-garanzija kienet ghadha veljanti u b'hekk il-Kontrollur tad-Dwana kien

gustifikat li jitlob u jezigi hlas tas-somma ntiera t'elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500).

Il-Bank kien obbligat li jhallas *"on your first demand"* minghajr ma kellu d-dritt li jivverifika *"whether such demand is justified"*.

Il-*wording* tal-garanzija ma jhalli l-ebda dubju illi f'dak il-mument il-Bank kellu jhallas immedjatament.

Mill-atti jirrizulta wkoll illi wara l-31 t'Ottubru, 2001 il-Bank baqa' jikkomunika mal-Kontrollur tad-Dwana biex jara kienx hemm xi zviluppi fuq it-tentattivi ta' l-attur biex jasal fi ftehim bonarju mal-Kontrollur tad-Dwana u ta' relevanza huwa n-notament li sar fit-22 t'Ottubru fuq l-ittra li ggib id-data tas-7 t'Ottubru, 2002 (Dok. L) liema notament sar minn xi mpjegat tal-Bank konvenut li jghid:

"Phoned Controller of Customs and they should have cor. between Customs/Ragonesi to reduce guarantee."

Effettivament kien wara l-ittra tad-9 ta' Jannar, 2003 tal-Bank lill-Kontrollur tad-Dwana li fiha hemm anke referenza ghall-korrispondenza precedenti u konversazzjonijiet tat-telefon li in segwitu l-Kontrollur eziga l-hlas li ta lok ghall-kawza odjerna.

Wiehed jista' japprezza illi l-Bank m'effettwax tali hlas immedjatament billi l-attur kien infurmah li qed jipprova jasal f'akkordju bonarju u f'dik is-sitwazzjoni kien ghaqli li wiehed jistenna ftit biex jara x'se jkun l-ezitu finali. Eventwalment meta kien hemm ezitu finali u l-Kontrollur ikkristallizza l-ammont preciz minnu mitlub, il-Bank ma kellux alternattiva hlief li jhallas.

Galadarba kienet gja saret it-talba formali u din kienet saret entro t-terminu tal-garanzija, l-obbligu tal-Bank gie kkristallizat. Il-Bank kien u baqa' marbut biex ihallas. L-effetti tal-garanzija gew perfezzjonati ma' l-ittra tal-15 t'Ottubru, 2001, liema obbligu kien u baqa' sal-mument li sar il-hlas. Din kienet obbligazzjoni kummercjali naxxenti

minn skrittura u mill-mument li skattat giet valida ghal mill-inqas hames snin (Vide Art 2156(f) tal-Kap 12).

Jigi rilevat ukoll illi a tenur tal-Art 1942 tal-Kodici Civili, l-garanti (l-attur) ghandu kull dritt ta’ rivalsa kontra d-debitur principali (il-konvenut).

In vista tal-premess it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-talba attrici ma tidhirx gustifikata u li anzi jidher li l-Bank kien gustifikat u legalment obbligat li jhallas is-somma ta’ sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) lill-Kontrollur tad-Dwana u li daqstant iehor kien gustifikat li jizbanka ammont relattiv mill-kont ta’ l-attur in sodisfazzjon ta’ dan il-hlas.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jiddeciedi billi jichad it-talbiet bl-ispejjez kontra tieghu.”

L-attur appella minn din is-sentenza u talab li din tigi revokata. Il-punti li minnhom l-appellant jippretendi li qieghed jappella jikkonsistu, kif sottomess minnu, minn certi nuqqasijiet specifikati, ad ezempju, li ma sarx kontro-ezami tar-rapprezentanti tal-Banka konvenuta, u li din ma ghaddietlux l-iskambju tal-korrispondenza li sar bejnha u l-Kontrollur tad-Dwana. Principalment jilmenta, imbaghad, illi t-Tribunal naqas milli jitratta diversi punti ta’ indoli legali sollevati minnu; *inter alia*, il-fatt illi l-hlas mill-Bank lill-Kontrollur tad-Dwana sar zmien wara li kienet skadiet il-garanzija;

Mit-termini ta’ l-avviz promotur l-attur qieghed jippostula, bhala bazi ta’ l-azzjoni tieghu, illi l-Bank konvenut, abuzivament u illegalment, ghadda, nonostante l-opposizzjoni tieghu, biex hallas is-somma hemm indikata lill-Kontrollur tad-Dwana meta l-garanzija ma kienetx ghadha in vigore. Il-pretensjoni tieghu donnha hi li issa l-Bank ghandu jaghmel tajjeb ghall-fatt illi din issotrattat minn wiehed mill-kontijiet bankarji tieghu s-somma korrispondenti hekk imhallsa lill-Kontrollur tad-Dwana. Fi ftit kliem l-attur qed jiddomanda li l-Bank jirrientegrah fil-posizzjoni *ante quo* dan il-hlas. Huwa minnu li aktar ‘il

quddiem f' risposta (fol. 13) li ntavola, b' rejazzjoni ghal dik l-ohra tal-Bank, ippretenda wkoll f' forma ta' kontro-talba r-rimbors ta' somma ohra ghall-ispejjez minnu allegatament inkorsi, izda tali talba, kif sewwa sottomess mill-appellat, hi proceduralment irritwali fil-forma li nghatat u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tokkupa ruhha minn pretensjoni bhal din;

Il-fatti stabbiliti f' dan il-kaz jinsabu sew riprodotti fis-sentenza appellata u ma jidherx li hu necessarju li dawn jergghu jigu replikati. Bizzejjed forsi li bhala punti ta' referenza u ghall-ahjar kjarezza ta' certi sottomissjonijiet maghmula mill-kontendenti illi jigu elenkati dawn il-fatti ewlenin:-

(1) Fl-20 ta' Dicembru 2000 l-Banka konvenuta emettiet garanzija ghaf-favur tal-Kontrollur tad-Dwana ghall-hlas ta' "*levies, import duties and/or excise duties and/or value added tax*" fuq l-importazzjoni da parte ta' l-attur ta' *replicas* ta' ikoni mportati mil-Federazzjoni Russa ghall-esebizzjoni taghhom fil-Kon-Katidral ta' San Gwann;

(2) B' termini espliciti din il-garanzija tipprovdi dan: "*This guarantee becomes payable on your first demand and it shall not be incumbent upon us to verify whether such demand is justified*."

(3) It-terminu stabbilit fil-garanzija kien jiskadi fil-31 ta' Jannar 2001 izda kif spjegat mill-Prokuratur Legali Jonathan de Maria fl-Affidavit agguntiv tieghu a fol. 62 dan it-terminu gie estiz bosta drabi, ghallanqas sal-31 ta' Ottubru 2001. Wara din id-data, imbaghad, ma sarux estensjonijiet ohra nonostante diversi rikjesti li saru mill-Banka konvenuta ghal daqshekk, kemm qabel (ara ittra datata 2 ta' Ottubru 2001, fol. 55) kif ukoll wara (ara ittra datata 2 ta' Novembru 2001, fol. 7, registrazzjoni ta' telefonati u ittri ohra lill-Kontrollur tad-Dwana kkupjati lill-attur);

(4) Fil-15 ta' Ottubru 2001 il-Kontrollur tad-Dwana kiteb lill-Bank biex ifakkru li t-terminu tal-garanzija kien ser

jiskadi u biex jiehu hsieb igeddidha jew fin-nuqqas li jghaddi ghall-hlas tas-somma garantita (Lm2500);

(5) Mid-diversi dokumenti esebiti kif ukoll mix-xhieda ta’ P. L. Jonathan de Maria hemm accenn ghat-trattattivi li kienu in korso bejn l-attur u l-Kontrollur tad-Dwana. Finalment il-Bank konvenut hallas lid-Dwanjier is-somma ta’ sitt mija u disghin lira (Lm690) taht il-garanzija (ara kopja tac-*cheque* a fol. 84) u ghadda biex inkassa l-ammont ekwivalenti minn wiehed mill-kontijiet bankarji ta’ l-attur (fol. 85);

Stabbiliti dawn il-fatti, it-Tribunal sab li fuq ir-rizultanzi istruttorji attendibbli il-Bank konvenut ma kienx fi htija fil-konfront ta’ l-attur u dan in kwantu huwa hallas lill-Kontrollur tad-Dwana fit-termini tal-garanzija;

Issa skond it-termini ta’ l-appell interpost tnejn jidhru li huma l-aspetti li jridu jigu ndagati f’ din il-kawza, u cjoe (i) jekk huwiex minnu illi l-attur ma nghatax l-opportunita` li jikkontroezamina lir-rapprezentant tal-Bank, P. L. Jonathan de Maria, apparti rilevanzi ohra konnessi mal-perkors tal-procediment u (ii) jekk il-Bank konvenut hallasx meta ma kienx suppost ihallas ghaliex il-garanzija kienet skadiet;

Analizzat l-ewwel aspett dan hu pjuttost ta’ facili soluzzjoni in kwantu l-atti ma jsostnux id-doljanzi ta’ l-attur appellant. B’ digriet tas-26 ta’ Marzu 2004 it-Tribunal laqa’ t-talba ta’ l-attur biex, kif talab permezz ta’ Nota (fol. 87), jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu qabel ma tigi emanata s-sentenza (ara verbal a fol. 88). Jirrizulta li x-xhud P. L. Jonathan de Maria deher fl-udjenza tat-22 ta’ April 2004 izda ma sarlux kontro-ezami. Minflok, il-partijiet ittrattaw il-kawza (ara verbal a fol. 90). Jirrizulta wkoll illi l-attur gie provvdut b’ kopja tal-korrispondenza kollha skambjata anke ghaliex din kienet esebita ma’ l-Affidavit ta’ l-imsemmi Prokuratur Legali u t-Tribunal ha nota tal-fatt illi dak l-Affidavit u dawk

id-dokumenti kienu gew prezentati bil-visto tal-kontroparti. Ara verbal tas-26 ta’ Frar 2004 (fol. 86);

Innegabilment, ghalhekk, ma jezisti l-ebda dubju illi l-attur inghatatlu l-opportunita` shiha li jsostni u jiddefendi l-legittimita` u l-fondatezza tat-talba tieghu kif ukoll li jirribatti kull difiza mressqa mill-parti avversa. L-aggravju fuq dan il-punt ghalhekk ma jistax jigi accettat u qed jigi respint;

Rigward it-tieni aspett il-materja tinvolvi certament punti ta’ indoli fattwali kif ukoll legali. Jibda biex jigi osservat illi ma jidherx li hu kontrovrs illi l-Bank konvenut kien gie mitlub biex ihallas l-ammont kopert bil-garanzija u dan qabel l-iskadenza taghha. Dak li hu invece kuntrastat mill-attur hu l-fatt illi fil-mument li sar il-hlas l-garanzija ma kienetx ghadha fis-sehh;

Sostanzjalment, il-garanzija sservi biex taghti essenza u sinjifikat il-hlas tad-debitu garantit. Dan johrog ben car mid-dispost ta’ l-Artikolu 1925 tal-Kodici Civili. Fil-kaz in ezami pero` il-garanzija *de quo* ma tistax titqies accessorja billi, a kuntrarju ta’ dak prefiss fl-imsemmi dispost, il-Bank konvenut ma jintrabatx bhad-debitur b’ mod principali u ghall-kaz biss li d-debitur ma jissodisfax l-obbligazzjoni tieghu. Ix-xorta tal-garanzija in diskussjoni hi wahda awtonoma in kwantu tiddifferenzja ruhha mill-fideiussjoni solita proprja minhabba l-mankanza ta’ l-element ta’ l-accessorjeta`. F’ kaz bhal dan il-garanti jimpenja ruhu li jhallas lill-beneficcjarju minghajr ma jressaq eccezzjonijiet jew kweziti dwar l-effikacja u l-validita` tar-rapport baziku intervenut bejn id-debitur u l-kreditur tieghu. Il-karattru ta’ garanzija bhal din hu esplicitat mill-uzu ta’ lokuzzjoni partikolari; ad ezempju, “*on your first demand*”. Hemm imbaghad l-adoperu ta’ klawsoli ohra analogi, idoneji biex jindikaw l-eskluzjoni tal-fakolta tal-garanti li jopponi lill-kreditur b’ dawk l-eccezzjonijiet spettanti lid-debitur principali. Hekk, kif gja manifest *supra*, il-garanzija *de qua* tppreciza wkoll illi “*it shall not be incumbent upon us to verify whether such*

*demand is justified*". L-attur ma jistax isostni illi huwa kien aljen ghal din ix-xorta ta' garanzija in kwantu dan hu ovvju mill-kontenut tal-"General Indemnity" sottoskritta minnu u li tinsab proprju fuq ir-*retro* ta' l-istess garanzija. Ara dokument a fol. 65;

Jinsab deciz mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Numru 3552, 6 ta' April 1998), "*al contratto cosiddetto di assicurazione fideiussoria (o cauzione fideiussoria o assicurazione cauzionale), caratterizzato dall' assunzione di un impegno, da parte di una banca o di una compagnia di assicurazioni, di pagare un determinato importo al beneficiario, onde garantirlo nel caso di inadempimento della prestazione a lui dovuta da un terzo, sono applicabile le disposizione della fideiussione, salvo che sia stato diversamento disposto dalle parti. Rivesta carattere derogatorio rispetto alla disciplina della fideiussione, la clausola con la quale venga espressamente prevista la possibilita`, per il creditore garantito, di esigere dal garante il pagamento immediato del credito 'a semplice richiesta' o 'senza eccezioni'. In tal caso, in deroga all' art. 1945, è preclusa al fideiussore l' opponibilita` delle eccezioni che potrebbero essere sollevate dal debitore principale, restendo in ogni caso consentito al garante di opporre al beneficiario l-exceptio doli, nel caso in cui la richiesta di pagamento immediato risulti prima facie abusiva o fraudolente*" (Roberto Triola "**Codice Civile, annotato con la giurisprudenza**", Seconda Edizione 2002, pagna 1630);

Naturalment isegwi illi l-garanti li jhallas japplikaw a beneficcju tieghu l-principji generali in materja ta' surroga jew ta' regress kontra d-debitur principali kemm ghall-kapital, kemm ghall-imghaxijiet u spejjez. Ara Artikolu 1942 tal-Kodici Civili;

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet legali, mill-fatti enuncjati jidher manifest illi l-Kontrollur tad-Dwana, *qua* beneficjarju, ghamel id-domanda formali tieghu ghall-hlas

qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit ghas-sussistenza tal-garanzija. Dan permezz ta' l-ittra datata 15 ta' Ottubru 2001 ricevuta mill-Bank fit-18 ta' Otturbu 2001. Kieku ried il-Bank appellat seta' ghadda mill-ewwel ghall-hlas effettiv tas-somma kollha garantita. Ma ghamelx hekk biex jakkorda zmien lill-attur jidhol fi trattattivi mal-Kontrollur tad-Dwana, kif hekk fil-fatt jirrizulta li kien il-kaz minn evalwazzjoni tad-dokumenti in atti. Certament l-attur ma ghandux jippretendi illi ghax il-hlas effettiv ma sarx fiz-zmien meta ntalab huwa jista' jirrinfaccja lill-Bank b' akkuza ta' abbuz talli dan aktar tard ghamel il-pagament tas-somma rikjesta mill-Kontrollur tad-Dwana bl-ittra tieghu tat-3 ta' Frar 2003 (fol. 83). Somma din, li ghalkemm inferjuri, hi rientranti fl-ambitu ta' l-ammont iggarantit;

Konformement ghal dak li ntqal hawn fuq din il-Qorti hi tal-fehma li d-domanda ta' l-attur appellant ma timmeritax akkoljiment u konsegwentement mhux il-kaz li din il-Qorti tallontana ruhha mir-ragonament gusitifikat u l-konkluzjoni korretta li wasal ghaliha t-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi respint u s-sentenza appellata tat-Tribunal, konfermata. L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza jitbatew mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------